*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35**

**It-Tnejn 14 ta' Marzu 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Patrick Camilleri-Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**35.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar, il-Kunsillier Dr.Patrick Camilleri u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon huma skużati.

**35.2.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 34 li saret Nhar it-Tlieta 15 ta' Frar 2022:***

Ma kienx hemm emendi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**35.2.2** ***Matters Arising tal-laqgħa 34 li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Frar 2022.***

**35.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 it-tieni paragrafu fejn ried jiċċara illi meta qal illi il-ħaddied tal-Kunsill għandu jġib il-kwotazzjonijiet ma kienx qed jirreferi għal affarijiet żgħar iżda affarijiet li jissewew għaliex hu qatt ma qala bħala disrispett lejn il-ħaddied tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 3 it-tmien paragrafu fejn qal illi kien hemm qbil illi issir stqarrija u jarawaha l-Kunsilliera qabel ma tintbagħat. Huwa qal illi l-istqarrija kien tkellem fuqha mas-Sindku pero` l-istqarrija ma rawhiex qabel ma ntbgħatet. Huwa qal li huwa ried jgħid illi l-Aquatic Sport għandhom jingħataw it-titlu tal-art lura fejn hemm il-pixxina u l-bini tal-madwar, wara li l-Prim Ministru qal illi din l-art ser tiġi liberiżżata u għaldaqstant mhux ser tingħata lil Sadeen Group u peress li l-pixxina kienet ilha żmien twil ma tintuża allura jridu jsiru diskussjonijiet sabiex dawn ikollom faċilitajiet ġodda mill-istess area li hemm.

Is-Sindku qal li dan it-titlu ser jingħata lura lil Sports Malta u wara Sport Malta tgħaddi it-titlu lil Aquatic Sports. Huwa qal li qabel ma inħarġet l-istqarrija kien tkellem mal-President tal-Aquatic Sport u anke mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u kien hemm qbil bejnithom li tinħareġ l-istqarrija. Huwa qal li kien suġġeriment illi il-fondi allokati li kien hemm sabiex tinbena pixxina ġdida fi Triq is-Salini għandom jintużaw sabiex jirrenġaw il-pixxina eżistenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa mhux qed jgħid li bilfors għandhom jintużaw il-fondi kollha allokati li kienu madwar 8 miljuni imma għandhom jintużaw il-fondi neċċessarji sabiex jirrenġaw il-pixxina li hemm. Huwa kompla jgħid li prattikament din trid issir mill-ġdid.

Is-Sindku qal illi fid-diskors tal-Prim Ministru meta żar Marsaskala kien qal li tal-Aquatic Sports mhux ser ikunu minsija.

Is-Sindku qal li bħal issa mhuwiex il-mument tajjeb li jsiru d-diskussjonijiet ma xi Ministru u għaldaqtsant għandna nistennew l-elezzjoni tgħaddi l-ewwel.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li jaqbel ma dak li qal il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri illi t-titlu tal-art jingħata lura lil Aquatic Sports.

Il-Kunsill qabel umanimament mal-prinċipju jaqbel illi t-titlu tal-art tingħata lura lil Aquatic Sports.

**35.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 paragrafu 34.2.2.1 rigward il-parkeġġ tal-iskola ta' Triq il-Lampuka jekk sarx xi progress.

Is-Sindku wieġbu illi r-risposta għada l-istess fejn qed nistennew xi affarijiet li għandhom jitlestew min-naħa tal-Planning Authority.

**35.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 10 paragrafu 34.8.3 fejn informa lil Kunsilliera illi l-laqgħa mal-NGO's fuq l-użu tad-difibrillator ser tiġi posposta minħabba li tkun għada kemm issir l-elezzjoni. Huwa kompla jispjega illi din il-laqgħa ser issir ġewwa is-sala tal-Kappillan sabiex in-nies jkunu jistgħu jinfirxu aħjar. Huwa qal li ser jibgħat l-email bil-posponiment tal-laqgħa peress li inġibdet l-attenzjoni illi bħala Kunsill ma konniex infurmati bil-posponiment tal-laqgħa. Huwa qal li l-laqgħa issuġerita li issir 26 ta'April 2022 pero` ser jikkonferma eżatt u aħna għanda ninfurmaw lil Għaqdiet tal-lokal u nħeġġu lir-residenti kif ukoll lil NGO's tal-lokali u lil tal-ħwienet ħalli jattendu sabiex jkunu jafu kif jużaw id-difibrillator.

**35.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 6 paragrafu 34.2.2.10 fuq il-bżonn tal-*patching* li jrid jsir fi Triq La Sengle mit-Trigon Stationery sal-Mużew.

Is-Sindku qal li l-kuntrattur ġie jkejjila pero` ma jafx jekk il-fondi jippermettux li ssir sal-Mużew.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ewwel ha jtina l-istima pero` l-proġetti li għandna għaddejjin u l-flus li għad jridu jitħalsu fuq il-bini tal-Kunsill irridu noqgħodu attenti għal finanzi. Huwa qal li għalkemm f'din is-seduta ma hemmx preżentat il-kont tal-*patching* li diġa sar huwa nfurmat illi dan telgħa għaċ-ċifra ta madwar €60,000. Huwa qal li din ser titqaxxar u terġa tingħata t-tarmak pero` il-pedament xorta imdamdam. Huwa kompla jgħid li ma jixtieqx li ftit xhur oħra jiġu *Infrastructure Malta* u jerġu jaqlawa kif saru f'toroq oħra pero` sa issa ma għandiex informazzjoni li ser issir.

- Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-Viċi Sindku qaltlu li hemm applikazzjoni sabiex jirrenġaw il-funtana u hu staqsa jekk applikajniex għalija.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi mid-DLG hemm ċans li joħorġu skema biex jiġu irrenġati l-funtani u aħna qed inkunu pro attivi u qed inġibu l-istimi qabel din l-iskema toħroġ.

**35.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 6 paragrafu 34.2.2.9 fejn qal li kellhu laqgħa mas-CEO tal-Enemalta fejn qal li din il-laqgħa saret u irriżultat li kien hemm xi problemi min-naħa tal-Enemalta fejn qal li ser jibgħat il-minuti ta din il-laqgħa fejn iddiskutew diversi problemi li għandna fil-lokal. Huwa kompla jispjega illi minn din is-sena sabiex tiġi irrapurtata bozza trid tingħata in-numru tal-bozza li għanda fis-*software* pero` l-iskrivani qed jsibu problema bis-*software* għaliex jew ma jsibux il-bozza, jew is-*software* mhux *updated* jew inkella dan is-*software* ma jinfetaħx u ġieli bozza iddum xahar sabiex tiġi irrenġata. Huwa qal li l-arbli mhux immarkti bin-numri.

Is-Sindku qal li tajjeb li jsiru l-*istickers* tal-arbli.

Kien hemm diskusjoni ta` kif għandhom jiġu mmarkati n-numri mal-arbli fejn fosthom issemmew *stickers*, pjanċi bin-numri u imwaħla mal-arbli jew inkella miżbugħa mal-arbli bi stencil.

Inġibdet l-atenzjoni illi hemm bozzoz li qedgħin diġa imwaħla imma mhux imniżla fil-pjanta.

Fuq dan il-punt il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kien hemm każi li bozza ilha imwaħla għal snin twal iżda għax ma kienux imniżla fil-pjanta ma rrenġawhomx u kellha issir applikazzjoni ġdida.

- ***Il-Kunsillier l-Perit John Schembri daħal għal-laqgħa fis-6.30pm***

35.2.2.6 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 artiklu 34.1 il-ħames paragrafu fejn talab sabiex ngħamlu follow up fuq l-irrekordjar tal-laqgħat sabiex il-laqgħat jerġu jibdew jsiru ġewwa l-uffiċċju.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem ma persuna fuq il-bżonnijiet li għandu l-Kunsill sabiex issir sistema ġdida u qed nistennew rispsota mingħandu. Huwa kompla jgħid illi l-każijiet qed jitilgħu u allura tajjeb li għalissa għaddejjin bil-laqgħa fuq Zoom.

35.2.2.7 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 artiklu 34.1. l-10 paragrafu qal li għad għandna problema bit-telefon u staqsa fiex wasalna.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi qed naħdmu fuqha għaliex riedu xi nformazzjoni min-naħa tal-GO peress li l-linji tat-telefon tal-Kunsill huma antiki u jrid jsir *upgrade* tal-linji.

Ġie deċiż li tintbgħat reminder

35.2.2.8 Is-Sindku tkellem fuq 34.2.2.3 fejn qal illi l-klinika tal-lokal infetħet fl-10 ta' Marzu u kellna *feedback* tajjeb ħafna u anke il-Kunsill hemm *leaflets* t' informazzjoni. Huwa qal ukoll li rċieva l-informazzjoni *soft copy* u ser jtella l-informazzjoni fuq il-*facebook* tal-Kunsill.

35.2.2.9 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 34.2.2.5 fejn qal li r-Reġjun Nofsinhar qed jieħu ħsiebu l-Kunsillier Charlot Mifsud fejn qiegħed jattendi għal-laqgħat iżda meta jkun hemm bżonn ta żewġ rappreżentanti jattendi huwa ukoll. Huwa kompla jispjega illi qed jofrulna 2 ħaddiema sabiex jnaddfu il-lokal u huwa qalilhom sabiex jnadfu l-area ta Triq Wied iz-Ziju darba fil-ġimgħa. Huwa kompla jispjega li offrew ukoll manutenzjoni lil Għaqdiet u huwa talab sabiex jekk ikollom bżonn xi manutenzjoni fid-Dar Frate Jacoba jkunu jistgħu joffru dan is-servizz ukoll.

➢ Fuq l-istess paragrafu s-Sindku spjega ukoll illi s-Sur Matthew Mallia qal li arblu li ser jsir fuq il-bejt tal-Kunsill wara xi snin jkollu bżonn ta manutenzjoni u dan lesti li jgħamluh huma.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk is-saqaf jiflaħx l-arblu fuq il-bejt għaliex huwa qal lil-Perit tal-proġett min-naħa tal-Kuntrattur qal li mhux ser jieħu responsabilita tagħha.

Is-Sindku qal li rridu l-*go ahead* mill-Perit tagħna.

➢ Fuq l-istess paragrafu is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi l-ixkaffef tal-librerija twaħlu ukoll.

35.2.2.10 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 34.2.2.6 fejn irringrazzja lil-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u lill-kuntrattur tan-Nexos peress li kien hemm xi persuna li seraq l-earth electrodes tal-klinika u li kieku ma sarx ix-xogħol mill-ewwel kieku il-klinika ma setgħatx tinfetaħ.

35.2.2.11 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 34.2.2.7 fejn qal illi ix-xogħol fuq it-tisbieħ ta' Ġnien Sant'Anna għaddej. Huwa qal illi bħala kurduna minflokk 300 linear metre ser tiżdid sa massimu ta 500 linear metre sabiex tinbidel il-kurduna kollha li hemm ġon-naħa ta' ġewwa tal-ġnien.

35.2.2.12 Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 34.3.1 fejn qal li s-Segretarju Eżekuttiv għamel l-applikazzjoni fuq l-*embellishment* tal-blat ta ħdejn il-knisja fi Triq iż-Żonqor, huwa kompla jgħid illi fadal li issir laqgħa mal-kurja sabiex jispjegawlhom aħjar bħala proġett x'ser isir.

35.2.2.13 Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 34.3.2 fejn spjega illi Iljieli Skalin ser tinħadem konġunta mal-Għaqda tan-nar fejn konna ftemna illi l-Kunsill jħallas €3000 biex tkopri parti mill-ispiża.

35.2.2.14 Is-Sindku qal li tkellem mal-Kunsillier Dr.Patrick Camilleri fejn infurmawh li fil-bidu t'April ser jibda jerġa jaħdem fuq il-*website*.

35.2.2.15 Is-Sindku tkellem fuq paġna 10 paragrafu 34.7.8 fejn qal li l-event tal-kunċert u fjakkolata fi żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa ser jinħadem mis-Soċjeta Mużikali Sant'Anna flimkien mal-Għaqda tal-armar u l-Kleru li qed toffri il-post il-knisja parrokjali flimkien mal-ispazju taz-zuniter. Huwa qal li id-data ser tkun it-12 ta' April 2022. Huwa kompla jispjega illi peress li kien hemm 7 Kunsilli li issottomettew l-applikazzjoni tagħhom u kollha kellhom applikazzjoni tajba, r-Reġjun Nofsinhar iddeċidew illi minflokk is-somma ta' €5000 tingħata lill-Kunsill wieħed, is-7 Kunsill jirċievu is-somma ta'€2000 sabiex jkopru l-ispejjeż.

Huwa kompla jispjega illi wara li l-kkonsulta mas-Segretarju Eżekuttiv kien hemm qbil illi bħala Kunsill noħorġu is-somma ta' €2000 oħra sabiex tkompli tkopri l-ispejjeż ta' din l-*event*. Huwa spjega ukoll li bħalissa qed jsir *filming* ġewwa l-eks Jerma Palace Hotel fejn huwa kien ta' għajnuna sabiex jingħataw il-permess neċessarji u għaldaqstant talabhom donazzjoni, liema donazzazzjoni għanda tkun bejn €1000 u €1500 liema somma ser tiġi allokata ukoll għal din l-*event*.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

35.2.2.16 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 5 paragrafu 34.2.2.7 fejn qal illi biex jingħaqad is-*circuit* tad-dawl fi Ġnien Sant'Anna u d-dawl jsir kollhu ġdid jridu jgħaddu żewġ frieġħi fejn ser jkun hemm bżonn li jinqalgħa parti mill-pavimentar, huwa qal li hemm biċċa fid-dħul u biċċa fejn hemm il-funtana.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex jaġġorna l-pjanta li bgħatlu sabiex ngħadduwa lil Perit.

35.2.2.17 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 11 paragrafu 34.9.2 fejn qal li l-bus stop bi żvista inqala meta kienu qed jgħamlu x-xogħolijiet u talab sabiex jsir *reminder*.

35.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

35.3.1 **<u>PAB32-20 Petrol Station Triq Sant'Antnin (35/1122/22/O) (35/1118/22/0)</u>**

35.3.2 **<u>PA/04411/09 Fuel Station Triq Sant'Atnin (35/0977/22/I) (35/1050/22/I) (35/1045/22/I) (35/1039/22/O)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li konna rċevejna applikazzjoni fuq minor emendments fuq l-ewwel permess li kien hemm fuq il-pompa tal-petrol cioe PA/4411/09 u l-Kunsill kien tefgħa is-*sumbission* tiegħu sabiex jirriserva d-dritt li jista joġġezzjona. Huwa kompla jispjega illi irċevejna komunikat mingħand residenta fejn bgħatitlna l-appell PA32/20JB rigward il-PA6604/18 li l-iżviluppatur tal-pompa tal-petrol issottometta kontra l-Awtworita tal-ippjanar liema appell ingħata favur l-iżvilluppattur fejn din ir-residenta talbet lil Kunsill sabiex nifthu kawża il-Qorti kontra dan l-iżvillupp.

Huwa kompla jispjega illi rigward it-tieni permess PA6604/18 sabiex jiżdiedu servizzi anċillari u l-PA kienet stiednet rappreżentat min-naħa tal-Kunsill sabiex jitfa ir-rappreżentazzjoni tiegħu, infatti kien mar is-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jisjega illi din l-applikazzjoni kienet miċħuda mill-PA fejn l-wara l-iżvillupatur tefa appel 32/20 JB. Huwa kompla jispjega illi għal dan l-appel hemm il-PA u kif ukoll l-ERA. Huwa kompla jispjega illi waqt l-appell, l-applikant uża astratt minn *policy* fejn dan l-appel ġie mirbuħ min-naħa tal-appellant.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi wara li kien għamel komunikazzjoni kemm mal-Avukat tal-Kunsill kif ukoll mal-Avukat tal-ERA ġejna infurmati illi l-Era hija l-entita li tista tiftaħ kawza il-qorti. Huwa kompla jispjega lil qed jsiru l-arrenġamenti sabiex nhar l-Erbgħa issir laqgħa flimkien mal-Avukat tal-Kunsill kif ukoll tal-ERA u l-Perit. Huwa kompla jispjega illi l-Perit tal-Kunsill għandu konflitt ta interess f'dan il-kaz u għaldaqstant ma jistax jirrapreżenta lill-Kunsill f'din il-laqgħa u hemm bzonn li jigi ingaġġat Perit ieħor sabiex jgħati l-assistenza tiegħu.

Is-Sindku qal li għanda nqabdu lil Perit Aaron Ablea peress li dan diga kien Perit tal-Kunsill fil-passatt u jemmen li għandu ir-rekwżiti kollha sabiex jassisti f'dan il-kaz. Huwa kompla jispjega illi l-appel jekk ikun hemm qbil jrid jiġi miftuħ mil-ERA pero` il-Kunsill ser jassiti anke finazjarjament.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa lil minn ser nużaw bħala Avukat.

Is-Sindku qal li lil Dr. Saliba li huwa l-Avukat tal-Kunsill.

Il-Kunsill is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk l-uniku entita li tista tiftaħ din il-kawza il-qorti mhux l-ERA biss u jekk il-Kunsill jistax jiftaħ l-kawża l-qorti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna bħala Kunsill nistgħu niftħu kawza aħna pero` hemm ċans li l-kawza taqa mill-ewwel. Huwa kompla jispjega li aħna nistgħu noffru l-assistenza tagħna bħala Avukat u Perit lil Era. Huwa kompla jispjega illi ġaladarba l-permess tal-pompa tal-petrol inħareġ u ma kienx hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill allura l-applikant ġietu iktar faċli sabiex jitfa permess għal servizzi oħra skond il-*policies* li hemm fuq il-pompi tal-petrol. Huwa kompla jispjega illi f'dan l-istadju il-Kunsill jrid jipprova jikkonvinċi l-ERA u niprovdu biżżejjed materjal sabiex jinbena każ sod sabiex l-ERA tiftaħ din il-kawża. Huwa kompla jgħid illi aħna diġa awtorażżiżajna lil Avukat tal-Kunsill sabiex jibda mill-ewwel bid-diskussjnijeit mal-ERA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li staqsa lil Avukat tal-Era jekk nistgħux din il-kawza issir konġunta tal-Kunsill pero` hija qaltlu li le press li waqt l-appel l-ERA kienet l-entita` involuta f'dan l-appell. Huwa reġa staqsa lil Kunsill jekk il-pozizzjoni tal-Kunsill hux ser tibqa l-istess li ma jaqbielx mal-estenzjoni tal-permess fir-rigward tas-servizzi anċillari.

Kemm il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u kemm il-Kunsill is-Sur Ryan Portelli qablu dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qali li qed jaraha stramba biex jifhem kif l-appellant kien rebaħ l-appell fuq il-bazi għaliex l-ewwel permess kien ħariġlu u jibza illi jekk il-Kunsill ma jidħolx il-qorti tiġi interpretata li bħala Kunsill ma konniex interessati bizejjed fir-rigwrad ta' dan il-estenzjoni. Huwa staqsa illi jekk l-avukat tal-Kunsill hux intiz bizzejjed fuq natura ta' dan il-kaz. Huwa kompla jgħid li jissuġġerrixxi lil Dr Claire Bonnello sabiex tgħati l-assistenza tagħha lill-Kunsill pero` li hija intiża fuq materija bħala dawn.

Is-Segretarju Eżekuttiv wiegbu illi fil-verita l-Avukat tal-Kunsill diġa tkellema ma Dr Claire Bonnello pero` l-Avukata tal-Era kienet diġa semmietlu lil Dr Bonello. Huwa kompla jgħid illi la Dr Bonello hija intiża fuq materija bħal dawn huwa tajjeb li tkun preżenti għal laqgħa li ser issir mal-ERA flimekin mal-Avukat tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilelri qall i huwa jixtieq illi waqt il-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa li ser issir mal-ERA jiġi stabbilit mill-avukati jekk il-Kunsill jistax jiftaħ il-kawża huwa minflokk l-ERA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal apparti tal-eżitu tal-laqgħa ta nhar l-Erbgħa li ser issir mal-Era il-Kunsill illum jrid jieħu deċizjoni illi l-ewwel pass ikun li naraw jekk l-Era hux ser tiftaħ il-kawża hi fil-kaz li ma tiftaħx il-kawża l-Era jiftaħa l-Kunsill, imma bħala Kunsill inkunu wassalna l-messaġġ li bħala Kunsill anħa kontra din l-estenzjoni.

Huwa reġa saħaq illi jekk l-Era tiddeċiedi li tiftaħ il-kawża hija ma jridux l-għajnuna finanzjara min-naħa tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid illi waqt il-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa ser jiġu diskussi u preparati l-istrateġija fuq xiex ser tiġi preżentata il-kawża l-qorti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa jekk il-Kunsill jaqbel iridu inżommu l-*options* miftuħa skond l-eżitu tal-laqgħa u jekk ikun hemm bżonn li l-Kunsill jiftaħ kawża ukoll jsir dawn.

Is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan fejn staqrrew li għandhom jgħamlu dak kollhu possibli min-naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jekk il-Kunsill ma jgħamilx il-kawża hu ngħaddu is-suġġerimeti kollha lil ERA.

Is-Segrtarju Eżekuttiv reġa qal illi bħala rappreżentanti legali tal-Kunsill ser jkunu Dr Andrew Saliba u Dr Claire Bonnello filwaqt li l-Perit ser jkun il-Perit Aaron Abela.

**35.3.3** **Tyre Burst at Triq l-Iskal (35/1044/22/I)**

Il-Kunsill qabel li jingħata rimbors ta' 70% fuq l-ispiza tat-tyre li kienet tiswa €88. L-ammont li għandu jiġi rimborsat huwa €61.60

**35.3.4** **Aqra Mieghi (35/0989/22/I)**

Is-Sindku spjega illi din il-persuna tixtieq li tlaqqa erbgħa ommijiet bit-tfal tagħhom kull nhar ta' Tlieta għa-madwar siegħa sabiex taqralhom ktieb.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hija inizjattiva tal-gvern u mhux ta xi ħadd privat.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**35.3.5** **Malta Internation Fireworks Festival 2022 (35/1038/22/O)**

Is-Sindku qal illi fil-bidu ta` Marzu il-Kunsill irċieva korrispondenza minn naħa tas-Sur Stefan Vella fi ħdan l-MTA fejn urew ix-xewqa illi jsir il-Malta International Fireworks Festival 2022 ġewwa l-Bajja ta` San Tumas. Is-Sindku kompla jgħid illi talab l-waħda mis-segretarji biex tibgħat lura u titlob tlett dati tentattivi ħalli jiltaqgħu biex jiddiskutu l-event. Huwa qal li minkeja li ingħataw 3 dati, pero` minħabba impejni il-laqgħa bejnthom ma saritx. Huwa kompla jispjega illi fil-frattemp il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsietu meta kienu ser jiltaqgħu mal-MTA iżda ma kienx jaf għalfejn. Huwa kompla jgħid li xi ġranet wara reġgħet staqsietu biex jiltaqgħu u meta staqsa x kienet l-aġenda hija qaltlu fuq l-International festival. Is-Sindku qal li kien sar qbil li jiltaqghu mas-Sur Leonel Gerada fi ħdan l-MTA rigward din l-event fejn kellhom jiltaqu fl-4.30pm iżda peress li sal-5-00pm ma kien ġie ħadd, u kien hemm il-laqgħa tal-Kunsill fis-6.00pm, ma setgħax jistenna iżjed u kellu jitlaq. Is-Sindku kompla jgħid li għaddha email fejn ikkopja wkoll il-Viċi Sindku u spjega x'ġara u talab ghal-tentattiv ta' laqgħa oħra.

Huwa kompla jispjega illi fil-komunikat kien hemm li l-festival jsir fit-23 jew 30 ta'April u qed jiġi issuġġerit li jsir ġewwa l-Bajja ta' San Tumas pero` huwa kien dejjem tal-opinjoni li l-ewwel jiltaqgħu miegħu qabel ma jikkonfermaw id-dati u l-post fejn ser issir peress li d-deċiżjoni kienet waħda ta' Kunsill u mhux tiegħu waħdu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li sabiex tiġi diskussa fil-laqgħa ta April ser tkun tard wisq u kieku jkun aħjar jekk jaqblu fil-prinċipju.

Is-Sindku qal li kieku il-Viċi Sindku kienet prezenti fil-laqgħa kien jitloba sabiex toħroġ mil-laqgħa rigward din il-materja u dan mhux b'xi diżrispett lejha anzi sabiex jissalvagwardjha peress li l-familja tagħha għanda negozju ġewwa il-Bajja ta' San Tumas uma jriedx li jkun hemm minn jalludi xi supposizzjoijiet għaliex dan il-Festival jsir San Tumas u mhux fil-bajja tal-lokal.

Il-Kunsillier is-sur john B Camilleri staqsa fuq liema kriterju intgħażlet il-Bajja ta' San Tumas u mhux il-qalba tal-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi huwa tal-fehma illi jekk ser jsir festival isir fil-qalba tal-lokal.

Is-Sindku qal anke peress li waħda mir-raġunijiet li oġġezzjonajna fuq il-Marina kien minħabba in-nar tradizjonali tal-festa, huwa tal-opinjoni li in-nar jingħata mill-bajja tal-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jekk ma hemmx xi raġuni teknika għaliex intgħażel San Tumas għax forsi iktar safe minħabba in-nar, huwa tal-opinjoni li issir fil-bajja tal-lokal għaliex in-nies jistgħu jgawduha aħjar peress li l-bajja qeda mdawra bil-promenade.

Il-Kunsillier is-Sur Maryrose Mifsud qalet li fil-bajja tal-lokal hemm minn fejn jinħaraq in-nar għaliex hekk isir fil-festa,

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk teknikament huwa possibli huwa tal-opinjoni li dan il-festival jsir fil-bajja u wieħed għandu jikkonsidra li f'April il-Bajja ta' San Tumas tkun mejta u min-naħa l-oħra il-bajja f'April ukoll ma jkunx għand hemm id-dgħajes u allura ma jkunx hemm problemi sabiex ssir ġol bajja.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qabel mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

Il-Kunsill qabel li jekk il-parir tal-MTA ikunu li tista issir fil-bajja għanda issir fil-bajja ħalli jigwadanjaw in-negozji u aktar ir-residenti ma-dawra tax-xatt minn fejn l-eks Jerma saż-Żonqor flimkien mal-fajtata.

**35.3.6 <u>School Prize Day Books (35/1053/22/I)</u>**

Is-Sindku qal illi l-*Headmistress* tal-Iskol ta' Sant'Anna qed titlob l-assistenza ta xiri tal-kotba għal *prize day*.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq xi kotba li kienu saru mal-Kunsill tal-Qala sabiex nużawhom għat-tfal bħala tariff.

Is-Sindku qallu li qedgħin fl-uffiċċju tiegħu pero` fadal ftit.

**35.3.7 <u>*SPI/SCI/1/2022 Finazjament għal-zvilupp u titjiet tal-Playingfiels:*</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi f'laqgħa preċedenti konna qbilna li jinbidel ir-*rubber flooring* u jsir tal-insitu ta' Pjazza Mifsud Bonnici, fejn qal li dan it-tapit għandu kif inbidel ġdid u ma hemmx għalfejn jinbidel.

Is-Sindku staqsa jekk nistgħux nibdlu tal-*leisure park* ta San Tumas.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġbu illi dak ser jinbidel taħt skema oħra.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni illi r-*rubber flooring* tal-*leisurepark* ta' San Tumas jsir tal-insitu ukoll.

Is-Sindku qal illi għal din l-iskema kienu tajjeb li jinbidel ir-*rubber flooring* ta Ġien Antoine Randich.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**35.3.8 <u>*Laqgħa Pubblika*</u>**

Il-Kunsill qabel li il-laqgħa pubblika issir nhar it-Tlieta 19 ta' April 2022 ftit qabel il-laqgħa tal-Kunsill u talab lil Kunsilliera sabiex jippreparaw ir-rapport amministrattiv tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issuġġerrixxa sabiex ir-rapporti ma jsirux fit-tul bejn 150 u 200 kelma.

**35.3.9** IS-Sindku qal li ingħatat donazzjoni ta' żewġ kaxxi maskri u fejn qassam diġa fl-iskola ta' Triq il-Bajja u ser jqassam ukoll fl-iskola ta' Triq il-Lampuka. Huwa qal li kien hemm madwar 860 maskra għal kull skola, liema maskri ġew provduti minn kumpanija Maltija li topera ġewwa il-Polonja.

**35.3.10** Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi għanda artist Skaliż is-Sur Mario Zammit Lewis fejn jixtieq jgħamel esibizzjoni fis-sala tal-Kunsill bejn it-22 ta' April u 2 ta' Mejju 2022 fejn anke minn jiġi jkun jista jara il-Kunsill. Huwa kompla jgħid li bħala organizzazjoni ser jieħu ħsieb kollox hu.

**35.3.11** Is-Sindku qal li l-aħħar laqgħa maċ-Ċinizi qal li hemm żewġ tobba fejn jixtiequ jiżirgħu pjanti u *herbs* ċiniżi

Il-Kunsill qabel li issir ġol Ġnien Sant'Anna

**35.3.12** Is-Sindku nforma lill Kunsilliera illi ġie infurmat illi boroż griżi tal-iskart riċiklatt u boroż bojod tal-iskart organiku mhux ser jitqasmu iktar, Huwa qal li iż-żewġ kumpaniji tal-iskart riċiklatt mhux ser jiprrovdu boroż, Huwa qal li l-iskrivani tal-*customer care* infurmati sabiex jkunu jistgħu javżaw lin-nies.

**35.4** ***Twegibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**35.5** ***Rapporti:***

Ma kienx hemm rapporti.

**35.6** ***Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ:***

Ma kienx hemm items oħra.

**35.7** ***Korrispondenza:***

**35.7.1** **Moll Triq iz-Zonqor (35/0751/22/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem fuq il-problema tal-ħadid li hemm ħdejn il-moll ta Triq ż-Żonqor ta' ħdejn id-dar il-ħamra peress li jitla l-ilma baħar u jgħamel ħafna ħsara. Huwa qal li l-Perit Bonanno ta' Infrastructure Malta isseġerixxa illi tlett kwarti tar-railining li hemm jsir tal-konkos u jibqa nizel s'isfel sabiex jkun b'saħtu. Huwa qal li aħna konna issuġerixxejna *cantilever* pero` il-Perit Bonanno issuġerixxa li ir-railing jinbidel u jsir parti minnhu mil-konkos.

Is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qalu li jaqblux li jsir ħajt.

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Perit Carmel Bonanno kif ukoll mal-Perit Janice Borg.

**35.7.2** **Fixed Assets Register 2022(35/0777/22/I**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista tal-assi li ser ġew *write offs* mill-*Fixed Assets Register*

| | |
|---|---|
| KLM001304 | Printer/Scanner for Reception |
| KLM001406 | HP Laserjet |
| KLM001548 | Lenovo PC - RM |
| KLM001397 | Airconditioner - Lucille room |
| KLM000549 | Aiwa Walkman TP-VS-615 |
| KLM000655 | Telephone System |
| KLM000764 | 1 Mini Camera B/w 1/3 400TVL 12Dc |
| KLM001290 | Canon Ixux 130 Black Digital Camera |
| KLM001350 | Delongi Heater |
| KLM001366 | 1800btu Air conditioner – invertor |
| KLM001540 | Vacuum cleaner |
| KLM001576 | Vacuum |

| | |
|---|---|
| KLM001573 | Vertical Blinds |
| KLM001605 | Office chair |
| KLM001495 | Office chair – Sharon |
| KLM001496 | Electric Kettle |
| KLM001515 | Aluminiun 3 way ladder |
| KLM001480 | Office chair - customer care |
| KLM001481 | Office chair - customer care |
| KLM001115 | New Micro Wave Oven |
| KLM000019 | 2 Bookcase units (Oak) with one glass door) |
| KLM000196 | Medicine Chest & Mirror |
| KLM000240 | 1 Oak Finish Table Top |
| KLM000248 | 1 White Malamine Shelving Unit |
| KLM000334 | White Malamine Wall Unit |
| KLM000459 | Filing Unit |

**35.7.3 <u>Programm tal-Karnival 2022 f'Mejju fil-lokalita' tiegħek (35/0833/22/I)</u>**

Is-Sindku qal li peress li din is-sena ser jsir il-kunċert l-attivita Kunċert 12 ta'April mis-Soċjeta Mużikali Sant'Anna flimkien mal-Għaqda tal-armar il-fondi allokati ser jmorru għal dik l-attivita u għaldaqstant il-Karnival f'Mejju huwa tal-opinjoni li ma jsirx. Huwa kompla jgħid li dan għal fatt ukoll illi f'Awissu niċċelebraw l-Karnival tas-Sajf

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**35.7.4 <u>Gal Xlokk Mizura 3 Promotion of the Cultural Heritage (35/0813/22/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li is-Sinjura Mariella Strout li hija EU funds and Local Schemes Manger tar-Regjun Xlokk qed titlobna nikkumissjonaw ta' kittieb li jista jiġbor informazjoni kulturali fuq il-lokal tagħna għal sekma li ħierġa fil-futur qrib.

Is-Sindku ippropona lil ex Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar għaliex hija intiza f'dan il-qasam.

Il-Kunsill qabel li nistaqsu lis-Sinjura Cassar u filkas ngħaddu l-informazzjoni lir-Reġjun Xlokk

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li ir-Reġjun talbu lista ta nies bħal artisti, pitturi u skulturi sabiex umbgħad jġibuha bħal informazzjoni.

**35.7.5 <u>PA1125/22 (ex-deraffaele)</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li din il-proposta hija għal binja għolja li ġejja biswiet l-Għassa antika ta' Triq iz-Zonqor fejn fl-opinjoni tiegħu ser jistona. Huwa qal li bħala *building height* ma jafx jekk jistax jgħamel dak li jitlob dan l-applikant.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-Perit tal-Kunsill jista jiċċekja jekk din l-applikazzjoni hux kollox konformi mal-*policies* tal-PA.

Il-Kunsill qabel dwar dan u jekk inkisru il-policies allura umbgħad noġġezzjonaw.

**35.8 *<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:</u>***

**35.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-PettyCash ta' Frar 202

**35.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri saqsta fuq pagament 3485 rigward il-pagament tas-CIR

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dan il-pagament huwa fuq il-bollol.

**35.8.3** Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri staqsa fuq pagamenti 3544 u 3545 staqsa jekk kien hemm xi *mainatence* mhux tas-soltu għaliex qed jara li l-ispiża hija konsiderevoli.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li it-toyota hilix kellu bżonn service u anke kellhu xi sadid u tellaw għal vrt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq il-van li kellna nixtru jekk għamilniex xi progress.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandna problema kbira għaliex bil-*policies* il-ġodda tal-gpp bażikament irridu nixtru van ġdid. Huwa qal li l-*contracts manger* qed jdur għal kwotazzjonijiet ta' dan il-vann peress li ser nitolbu permess għal *special direct order* u bażikament irridu nsibu vannijiet mixtrijin ġodda minn Malta u ser jbigħuhom iżda mhux faċli għaliex ma nistgħux insibu.

Il-Kunsillier is-Sinjura MaryRose Mifsud qalet sabiex nistaqsu Kunsill Lokali oħra sabiex naraw xgħamlu huma.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġiba illi minn din is-sena peress li nbidlet il-policies tal-gpp KunsillLokali oġra jew iridu jgħamlu bħala jekk inkella vann ġdid

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**35.9 <u>Mozzjonijiet:</u>**

Ma kienx hemm mozzjonijiet

**35.10 <u>Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 19 ta' April 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 14 ta' Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |